Diviżjoni ta' l-Istampa u ta' l-Informazzjoni

**INFORMAZZJONI GĦALL-ISTAMPA Nru 62/04/mt**

10 ta' Settembru 2004

# ELEZZJONI TAL-PRESIDENTI TAS-SEZZJONIJIET TAL-QORTI TAL-PRIM' ISTANZA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Lulju 2004, ir-Rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri ddeċidew li jġeddu il-ħatra ta' l-imħallfin tal-Qorti tal-Prim' Istanza tal-Komunitajiet Ewropej, li l-ħatra tagħhom kienet tispiċċa fil-31 ta' Awissu 2004.[1]

Fit-8 ta' Settembru 2004, l-Imħallef Bo Vesterdorf ġie elett mill-imħallfin l-oħra bħala President tal-Qorti tal-Prim' Istanza tal-Komunitajiet Ewropej għal perjodu ta' tlett snin (sal-31 ta' Awissu 2007).[2]

Fl-10 ta' Settembru 2004, il-25 Membru pproċedew skond l-Artikolu 15 tar-Regolamenti ta' Proċedura tal-Qorti tal-Prim' Istanza, sabiex jeleġġu l-Presidenti tas-Sezzjonijiet li jikkunsistu f' ħames imħallfin għall-perjodu ta' tlett snin.

Il-Qorti tal-Prim' Istanza bħalissa tikkonsisti f'ħames sezzjonijiet b'ħames imħallfin u f'għaxar sezzjonijiet b'tlett imħallfin.

Peress illi l-ewwel sezzjoni b'ħames imħallfin hija ppresieduta mill-President tal-Qorti, l-Imħallef Bo Vesterdorf, għandhom isiru erba' ħatriet.

Bħala Presidenti tas-Sezzjonijiet b' ħames imħallfin, ġew eletti:

- l-Imħallef Marc Jaeger

- l-Imħallef Hubert Legal

- l-Imħallef Jörg Pirrung

- l-Imħallef Mihalis Vilaras

L-elezzjoni, għall-perjodu ta' tlett snin, tal-Presidenti tas-Sezzjonijiet b'ħames imħallfin, hija prevista mill-Artikolu 50 tal-protokoll il-ġdid dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2003.

[1] Informazzjoni għall-Istampa nru. 59/04 ta' 1 ta' Settembru 2004.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja*

*Lingwi disponibbli: kollha*

*Din l-informazzjoni għall-istampa hija wkoll disponibbli fuq is-sit Internet tal-Qorti*
*http://curia.eu.int/fr/actu/communiques.index.htm*

*Għal aktar informazzjoni, intom mitluba tikkuntattjaw lil Christopher Fretwell*
*Tel: (00352) 4303 3355* Fax*: (00352) 4303 2731*

[2] Informazzjoni għall-Istampa nru. 61/04 ta' 1 ta' Settembru 2004.